**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA - LAQGĦA NO. 23

TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 23 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA 23**

23.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

23.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 22;

23.3 Punti mill-minuti;

23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

23.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju / Stimi għas-Sena 2026 / Rapport Awditur Ġenerali

23.6 Laqgħa Pubblika 2025

23.7 Tiġdid ta' Kuntratti Ċentru tal-Anzjanità' Attiva u Parkeġġ taħt l-iskola primarja tal-Qawra, Maria Reġina;

23.8 Tiżjin tal-Milied;

23.9 Riżorsi Umani – *Performance Bonus*, Applikazzjonijiet għall-ingaġġ, kwestjonijiet pendenti oħra.

23.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

23.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

23.12 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

23.13 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alexander Aguis | *Kunsillier* | Clevion Micallef | *Kunsillier* |
| Daryl Connor | *Kunsillier* | Joseph M. Attard | *Kunsillier* |
| Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| Raymond Tabone | *Kunsillier* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |

**23.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku, is-Sur Censu Galea, fetaħ il-laqgħa fis-17:30 billi qara ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Rachel Williams u il-Kunsillier Alan Bugeja. Il-Kunsilliera Anne Fenech ma kinitx preżenti għal-laqgħa.

**23.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 22**

Il-minuti nqraw mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv peress ma kienx hemm ħin biżżejjed biex il-minuti jitħejjew minn qabel u jitqassmu bejn il-kunsilliera.

Dwar punt 22.6, il-Kunsillier Clevion Micallef irrimarka li fil-passat kien għamel diversi tentattivi li deher li ma kinux ġew segwiti. Is-Sindku u l-Kunsillier Clevion Micallef qablu li jiddiskutu dan aktar fil-fond, b'mod partikolari dwar kif il proposta għall-Jum San Pawl il-Baħar u għall-Ġieħ San Pawl tista' timxi l-quddiem.

Il-minuti ġew approvati unanimament. Il-proponent kienet Kunsilliera Sandra Smart Costantino u sekonda il-Kunsillier Raymond Tabone.

**23.3 Punti mill-minuti**

Rigward punt 22.8, is-Sindku rrimarka li x-xogħlijiet relatati mal-Pjazza ta' Buġibba fixklu l-possibbiltà li jiġu installati d-dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq, u sabiex jiġi evitat kull tip ta' ħsara, kien propost li dawn jiġu installati fit- Triq il-Qalb ta' Ġesù u Triq is-Sajjied. Minkejja dan, hemm problemi partikolarment fi Triq il-Qalb ta' Ġesù, peress li l-ebda mir-residenti ma xtaq li jitwaħħlu ventijiet mal-faċċata tiegħu jew arbli quddiem il-proprjetà tiegħu.

Meta ntalab jispjega għaliex dawn il-problemi qed jinqalgħu din is-sena, is-Sindku spjega li kien hemm problemi anke f'snin preċedenti u fil-fatt, is-sena l-oħra dawn it-toroq ma ġewx imżejna; dan wara li resident ilmenta li it-toqob li tħaffru għat-tqegħid tal-arbli, allegatament kkawżaw infiltrazzjoni ta' ilma fil-kantina (*basement*) tiegħu. Il-Kunsillier Raymond Tabone ssuġġerixxa li għas-sena d-dieħla dawn it-toqob għandhom jiġu miksija b'mod adegwat biex jiġu evitati problemi bħal dawn. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li waqt li kien fuq il-post mat-tim tal-manutenzjoni tal-Kunsill biex jistħarrġu s-sitwazzjoni, ir-resident reġa' wera r-reżistenza tiegħu għal kwalunkwe intervent. Ir-residenti ġew ikkuntattjati formalment iżda s'issa ma waslet l-ebda tweġiba.

Is-Sindku spjega li beda l-programm taż-żebgħa ta' marki tat-toroq (b'referenza għal punt 22.9 tal-minuti). It-temp ħażin u l-fatt li l-kuntrattur induna li kellu bżonn iqabbad uffiċjal tal-infurzar biex ikun jista' jagħmel ix-xogħol fil-linja ċentrali, wasslu biex ikun irid jagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Is-Sindku spjega wkoll li l-Kunsill iltaqa' mal-kuntrattur, qabel fuq pjan ta' xogħol, u qed jinsisti fuq iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet, kif stipulat fit-tender.

Is-Sindku semma wkoll li se jintensifika x-xogħol fuq marki tat-toroq sekondarji u xogħol ta' *refreshing* li se jsir mit-tim tal-manutenzjoni tal-Kunsill Lokali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega wkoll li wara l-laqgħa mal-kuntrattur, irriżulta li dan se jkollu bżonn pjanti dettaljat, b'mod partikolari għal dawk il-postijiet fejn qatt ma saret żebgħa qabel. Dan ifisser li l-Kunsill se jkollu bżonn iqabbad għajnuna esterna (outsource).

Rigward il-mistoqsijiet imressqa mill-Kunsillier Daryl Connor f'punt 22.15 (Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera), l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-proċess qed javanza, għalkemm b'xi dewmien, fir-rigward ta' kjarifiki dwar il-Ftehim Kollettiv—prinċipalment fejn jidħlu d-deskrizzjonijiet tax-xogħol u l-impjegati mhux klerikali li mhumiex koperti bil-ftehim kollettiv—u dan għandu jiġi solvut fi żmien qasir.

Dwar il-kwistjonijiet imqajma rigward il-booking tal-anzjani għall- ħarġiet, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, wara t-tħassib tal-Kunsillier Daryl Connor, talab għal-listi tal-attendenza għall-aħħar 10 ħarġiet (2024-2025). Irriżulta li bħala medja kien hemm madwar 50 parteċipant għal kull ħarġa, b'total ta' 182 individwu differenti li pparteċipaw fihom. 18% biss minn dawn attendew għal 5 jew aktar mill-10 ħarġiet ikkunsidrati, u għalhekk kien hemm biżżejjed *turnover* ta' nies. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota wkoll li hemm oqsma fejn il-proċess jista' jiġi ssemplifikat (streamlined) u fejn jistgħu jitnaqqsu l-iżbalji fl-inputting tad-data.

Wara li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti, il-Kunsillier Raymond Tabone ssuġġerixxa li l-minuti għandhom jiġu mqassma minn qabel u ssuġġerixxa li dan ix-xogħol jista' jiġi mqabbad esternament (*outsourced*). Kemm is-Sindku kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qablu, madankollu l-Aġent Segretarju Eżekuttiv xtaq jagħmel kunsiderazzjonijiet importanti fuq punt li diġà tqajjem preċedentement.

Huwa importanti li wieħed jikkonsidra il-fatt li fil passat l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ma kienx ukoll Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill ieħor (f'dan il-każ ir-Reġjun Tramuntana). Huwa preċiża minkejja li jaħdem sigħat twal ħafna, il-ġurnata għandha biss 24 siegħa u l-biċċa l-kbira tax-xogħol f'San Pawl il-Baħar huwa reattiv għal problemi li jinqalgħu kontinwament. Filwaqt li mhux obbligu, hemm qbil ikun aħjar li l-kunsilliera jkollhom iċ-ċans jaraw il-minuti minn qabel, iżda kif indikat f'laqgħat preċedenti, il-problema tinsab f'distribuzzjoni ħażina tal-ammont ta' xogħol fi ħdan l-amministrazzjoni tal-kunsill lokali.

Kif ġie kkomunikat lill-kunsilliera bl-email, għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv mhuwiex aċċettabbli li jkun hemm nuqqas ta' struttura u li l-impjegati donnhom jagħżlu liema dmirijiet jagħmlu u liema xogħol isegwu. Se jkun hemm reviżjoni tax- xogħol u dmirijiet fi ħdan l-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill biex jiġi żgurat li x-xogħol jinqasam b'mod ġust u ugwali. Il-Kunsillier Ray Tabone qabel li din hija kwistjoni purament amministrattiva.

Is-Sindku spjega wkoll li l-aspett amministrattiv huwa dmir tas-segretarju eżekuttiv, iżda kien hemm indħil sinifikanti matul is-snin li probabbilment wassal għal xi konfużjoni. Segwiet diskussjoni. Is-Sindku spjega li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jippreżenta qafas tat-

strateġija kif dan ser isir u wissa li dan jista' joħloq xi reazzjoni u nies li jagħmlu kuntatt mal-membri.

Il-Kunsillier Clevion Micallef staqsa jekk kienx hemm progress fl-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid; l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali qed twettaq il-vetting tal-kandidati prospettivi wara l-aħħar sejħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv semma wkoll li l-Kunsill Lokali għadu kemm temm l-impjieg ta' impjegat li kien fuq il-kotba tal-Kunsill u li kien ilu assenti mingħajr ebda tip ta' ġustifikazzjoni għal aktar minn 218-il jum tax-xogħol konsekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv imposta ittra formali, personalment, fl-aħħar indirizz magħruf u anke bl-email; l-impjegat ingħata 10 ijiem biex jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu, u fin-nuqqas ta' dan, l-impjieg tiegħu qed jiġi tterminat. Il-fondi pubbliċi fdati lill-Kunsill Lokali ma jistgħux ikomplu jintużaw biex jitħallas salarju u benefiċċji assoċjati lil impjegati li ma jidħlux għax-xogħol u ta dan ma jagħtu l-ebda tip ta' ġustifikazzjoni.

Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv saħqu li l-etika tax-xogħol, l-integrità u d-dixxiplina fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu l-prinċipji gwida ta' dawk kollha li jaħdmu fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

**23.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ddikjara li ma kellu l-ebda komunikazzjoni xi jressaq u għadda biex jippreżenta l-*accountant* tal-Kunsill Lokali, fejn segwiet diskussjoni dwar ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena, l-istimi għas-sena 2026 u r-rapport tal-Awditur Ġenerali.

**23.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju / Stimi għas-Sena 2026 / Rapport Awditur Ġenerali**

L-accountant spjega ir-rapport finanzjarju u stima tal-aħħar kwart tas sena. Spjega fid-dettall l-aspetti kollha inklużi l-ispejjeż rikorrenti, is-sorsi ta' dħul, l-assi, id-debituri u l-kredituri. L-accountant spjega wkoll l-istimi għall-baġit tas-sena d-dieħla u l-istqarrija tal-affarijiet finanzjarji baġitjati (*budgeted statement of affairs*), inklużi l-fondi allokati għall-ingaġġ ta' impjegati ġodda eċċ. Id-dokumentazzjoni tinsab mehmuża mal-minuti.

Segwiet diskussjoni dwar l-infrastruttura ppjanata, il-manutenzjoni u x-xogħlijiet għas-sena li ġejja, kif ukoll dwar id-disponibbiltà tal-fondi u s-segwitu ta' impenji li saru minn entitajiet u aġenziji governattivi oħra. L-accountant semma li madwar 25% tal-allokazzjoni tal-gvern (madwar €1.9 miljun) hija għall-pagi u s-salarji, u aktar minn 10% huma ddedikati għall-manutenzjoni; dawn waħedhom jammontaw għal kważi nofs l-allokazzjoni.

Is-Sindku u l-accountant irreferew għar-rapporti fil-midja dwar ir-rapport tal-NAO (Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar) li allega li l-Kunsill Lokali jinsab €927,000 f'defiċit (in the red). Dan ta l-impressjoni li l-Kunsill Lokali għandu dejn ta' €927,000, filwaqt li injora li l-każ relatat mal-inċident tal-Fra Ben waħdu kien jammonta għal aktar minn €830,000, li minnhom il-Kunsill għandu jirkupra madwar 80% mingħand terzi.

Il-Kunsill għandu flus fil-bank (madwar €2 miljun li huma riżervati għall-proġett taċ-ċentru ċiviku), u għalhekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija b'saħħitha.

Barra minn hekk, is-Sindku spjega li din is-sena l-Kunsill Lokali qabel li jħallas numru ta' kontijiet lill- kuntratturi u partijiet terzi li kienu ilhom pendenti u kkontestati, iżda li issa ġew riżolti. Segwiet diskussjoni dwar stqarrija biex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali.
Il-Kunsill Lokali qabel li jitlob lill-accountant biex iħejji spjegazzjoni qasira dwar dan is-suġġett li tkun tista' tiġi ppubblikata, u li tipprovdi spjegazzjoni fil-qosor għall-benefiċċju tal-pubbliku.

**23.6 Laqgħa Pubblika**

Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera biex jissottomettu l-pjan ta' ħidma tagħhom għas-sena li għaddiet u għal dik li ġejja, bi preparazzjoni għal-laqgħa pubblika annwali (18 ta' Jannar 2026). Is-Sindku saħaq li l-pjan għandu jintbagħat lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv qabel tmiem is-sena.

**23.7 Tiġdid ta' Kuntratti Ċentru tal-Anzjanità' Attiva u Parkeġġ taħt l-iskola primarja tal-Qawra, Maria Reġina**

Is-Sindku qal li, kif jafu l-membri, il-Kunsill Lokali pprova jagħmel pressjoni biex tiżdied il-kontribuzzjoni tal-ministeru fejn jidħol iċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva. Kien hemm żieda żgħira, li l-Kunsill kellu jaċċetta u allura ser iġedded dan il-ftehim peress li ma riedx jikkompormetti dan is-servizz.

Rigward il-kuntratt dwar il-ġestjoni tal-parkeġġ li jinsab taħt l-iskola primarja tal-Qawra, li jiswa madwar €100,000 fis-sena, il-Kunsill Lokali se jkun qed jikkuntattja lill-kuntrattur biex jiddiskuti t-tiġdid tal-kuntratt għal sena oħra, filwaqt li jiżgura li l-kundizzjonijiet tal-kuntratt jiġu osservati kif xieraq.

**23.8 Tiżjin tal-Milied:**

Saret diskussjoni dwar it-tiżjin tal-Milied li qed jintrama bħalissa f'diversi partijiet tal-lokalità. Is-Sindku spjega li kien hemm titjib u l-Kunsill jixtieq jara aktar minnu. F'termini ta' tul ta' dekorazzjonijiet, il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar għandu l-itwal medda fil-gżejjer Maltin. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar li b'ippjanar aħjar, din il-kwistjoni għandha tiġi ffinalizzata permezz ta' tender, u talab lill-kunsilliera biex jipproponu lista ta' toroq għas-sena d-dieħla. Il-Kunsilliera Raymond Tabone u Clevion Micallef ipproponew li fil -futur jiġu ppremjati dawk ir-residenti li jżejnu djarhom minn jeddhom, u fuq inizjattiva tagħhom.

**23.9 Riżorsi Umani – Performance Bonus, Applikazzjonijiet għall-ingaġġ, kwestjonijiet pendenti oħra**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li dan il punt ser jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss

**23.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqu l-ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera.

Madankollu, kien hemm segwitu għall-mistoqsijiet li l-Kunsillier Daryl Connor kien ressaq f'laqgħa preċedenti, fejn l-informazzjoni nġabret u ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa (punt 23.3).

**23.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Il-Kunsill Lokali approva l-ħarġa tal-anzjani għax-xahar ta' Diċembru, b'sussidju ta' €5 għal kull persuna.

**23.12 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata. Il-mozzjoni biex jiġu approvati ġiet proposta mill-Kunsillier Alexander Agius u ssekondata l-Viċi Sindku Chris Vella Petroni

**23.13 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.40 u aġġornat għal nhar Ħamis 15 ta' Jannar 2026. Il-laqgħa pubblika annwali ġiet skedata għat-18 ta' Jannar 2026

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
**Bjorn Bonello**

**Sindku**
**Ċensu Galea**